MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**IAN FARRUGIA**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2012

Numru 1286/2012

**Il- Pulizja**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**Vs**

**Nuuriddin Mohamed Texow**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Nuuriddin Mohamed Texow ta’ 17-il sena iben Mohammed u Sara imwieled Mogadisho, Somalia, fl-1995, detentur bin-numru tal-Pulizija 12I-019 u residenti Hal Far Open Centre, Hal Far Malta, fejn gie akkuzat talli:

Fl-4 ta’ Dicembru 2012 u ix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-gzejjer, tajt jew hallejt li jinghata xi prospett falz jew dikjarazzjoni falza, jew tgharif ta’ fatti foloz lil Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni, u dan bi ksur tal-Artikolu 32 (1c) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Kif ukoll talli taht l-istess cirkostanzi, kellek fil-pussess tieghek passaport mahrug lil persuna ohra, kif ukoll ircevejt passaport mahrug lil haddiehor. Dan bi ksur tal-Arikolu 3 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tas-Seduta ta' llum stess;

Rat l-atti u d-dokumenti u semghet lill-Ufficjal Prosekutur tixhed bil-gurament;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat anki wara li inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

In vista ta' dan il-Qorti ma ghandiex triq ohra hlief li issib htija skond l-imputazzjoniet kif dedotti.

Semghet is-sottomissjoniet finali dwar il-piena. L-Ufficjal Prosekutur enfasizzat illi l-hati kkopera bis-shih sa fejn seta u wera l-inklinazzjoni li jkompli jghin lill-pulizija fl-investigazzjonijiet wiesgha li qed jaghmlu fir-rigward ta` dan il-kaz. Id-difensur tal-hati ghamlet enfazi fuq l-istat difficili li jkunu jinsabu fih nies bhal ma hu l-patrocinat taghha, id-disperazzjoni li jkunu ghaddejjin minnu, il-fatt ta` l-eta` tenera tieghu u li dan bhala fatt igib mieghu l-applikazzjoni tad-dispost ta` l-Artikolu 37 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta, u finalment li huwa iddispjacih ta' dak li ghamel. Il-Qorti innotat ukoll li l-hati qed jinghata ghajnuna minn naha ta` l-awtoritajiet kompetenti fil-qasam ta` l-immigranti.

Ghal-mottivi premessi, wara li rat l-Artikoli 32(1c) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Artikolu 3 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikolu 37 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoniet kollha dedotti kontra tieghu u tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija, li bl-applikazzjoni u ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 jibqghu sospizi ghall-perjodu ta' sena (1) millum.

Il-Qorti tat lill-hati l-ispjegazzjoniet mehtiega skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------